MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2010

Rikors Numru. 89/2006/1

**Emanuel Longo (ID 400062M)**
**Robert Longo Galea (ID 765460M)**

**vs**

**Agent Direttur tal-Lottu**

Il-Bord.

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

“Illi huma ko-proprjetarji u jikru lill-intimat il-fond bin-numru tnejn u erbghin ittra A (42A), fi Triq il-Merkanti l-Belt Valletta Malta, versu l-kera ta’ tnejn u sebghin lira Maltin (Lm72) fis-sena, pagabbli kull sena bil-quddiem, liema fond huwa gestit bhala banka tal-lottu;

Illi permezz ta’ ittra ufficjali tat-28 ta’ Settembru 2005, ai termini tal-artikolu 14(2) tal-Kap 69, l-esponenti avzaw lill-intimat bl-intenzjoni taghhom sabiex jghollu l-kera peress

illi hassew li hija baxxa wisq, ghal-liema ittra ufficjali kien hemm risposta da parti tal-intimat illi permezz taghha ma accettax l-awment fil-kera kif gie propost;

Illi l-esponenti jidhrilhom illi din il-kera hija baxxa wusq u jixtiequ lil dan il-Bord jistabilixxi l-kera gusta u ekwa;

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu jiffissa kera xierqa u gusta tal-fond hawn fuq imsemmi;

Bl-ispejjes kollha kontra l-intimat;

Ra r-risposta tal-Agent Direttur tal-Lottu li tghid;

Illi l-kera li qed jhallas huwa gust u xieraq u ghandu jigi kkonfermat.

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi din hija azzjoni bazata fuq l-artikolu 14(2) tal-Kap 69 ghal-awment fil-kera ta' fond li huwa ta' aktar minn Euro 93.17 fis-sena. Ir-rikorrenti izda ma segwiex il-procedura ravvizata fl-istess artikolu. Huwa konkordament ricevut fil-gurisprudenza taghna illi meta l-kera huwa izjed minn Euro 93.17 fis-sena, s-sid li jixtieq jawmenta dik il-kera ghandu l-ewwel jibghat ittra ufficcjali lill-kerrej fi zmien li trid il-ligi u l-kerrej jista' jopponi dik it-talba permezz ta' rikors quddiem il-Bord. Minhabba lakuna fil-ligi li ma tipprovdix ghaz-zmien li fih il-kerrej ghandu jintavola dan ir-rikors, u naturalment in mankanza ta' tali rikors, is-sid ghandu jadixxi lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili biex din tifissa zmien li fih il-kerrej ghandu jintavola r-rikors opportun quddiem il-Bord. B'hekk hemm distinzjoni bejn kera li huwa anqas minn Euro 93.17 fis-sena u dak oltre dan l-ammont. Fil-kaz l-ewwel ipotizzat, is-sid jista' jadixxi lil dan il-Bord it-talba ghall-awment tal-kera izda fil-kaz in dizamina is-sid ma setghax jekk jadixxi lil dan il-Bord

ghaliex dan jispetta biss lill-kerrej kif fuq spjegat. Ara in rigward **Alfred Gera & Sons Ltd vs Korporazzjoni Enemalta PA 5 ta' Lulju 2001 339/01JRM**.

Illi ghalhekk ir-rikorrenti adixxa lil dan il-Bord fuq materja li tispetta biss lill-kerrej u stante li din hija kwistjoni ta' ordni pubbliku, l-Bord qieghed *ex officio* jissoleva u jiddikjara n-nullita tar-rikors promotorju;

Ghal dawn il-mottivi jichad it-talba.

Stante in-natura tal-kaz, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------